MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 937/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Walter Spiteri)
**Vs**
**Henry Jones**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Henry Jones ta` 30 sena bin Stanley u Josephine nee` Azzopardi, imwieled Pieta fil-20 ta` Lulju 1972 u residenti Maria Lourdes, Tirq il-Hmistax ta` Awissu, Qrendi, numru tal-karta ta` l-identita numru 328072M.

Talli fl-Imqabba, fit-18 ta` Settembru 2002 ghal habta tal-11.30pm, volontarjament ghamilt hsara jew gharraqt il-vettura numru SPT 155, liema hsara teccedi il-hamsin liri

Maltin izda mhux aktar minn hames mitt liri Maltin, ghad-detriment ta` Kevin Spiteri;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamilt griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Kevin Spiteri skond kif iccertifika Dr.Kevin Sammut MD tal-isptar San Luqa u talli kiser il-bon ordni u paci pubblika b`ghajjat glied jew mod iehor.

Ra n-nota ta` l-Avukat Generali

Ra li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Ra li fis-seduta ta` illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Issibu hati

Rat l-Artikoli 325 (b), 215, 221 (1) kif ukoll l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-ligijiet ta` Malta.

Fil-waqt li ssibu hati ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu stante l-istat tal-fedina penali tieghu u ghalhekk tilliberah that l-imsemija provedimenti b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur m`illum.

Il-Qorti qed tfisser b`mod car lill-hati l-import ta` din is-sentenza.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------